MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 291/2012

Kawza fil-lista: 25

**A B C**
**vs**
**Avukat Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Madeline Firman**
**mahtura b'digriet tat-22 ta' April 2013 bhala kuraturi deputati**
**sabiex jirraprezentaw l-assenti D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici tat-8 ta' Mejju 2012 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

"Illi l-esponenti zzewget lil D C fid-9 ta' Dicembru 2000 hekk skond l-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat Dok A, mill-liema zwieg huma ma kellhomx tfal,

Illi wara seba' xhur ta' zwieg, l-intimat C mar il-Libya biex jara l-familja tieghu. Kien ftiehem ma' martu illi jzur il-familja ghal gimaghtejn u jerga' jigi lura Malta, izda minn mindu telaq qatt ma rritorna.

IIli l-esponenti kienet ppruvat tikkuntattjah ghall-ewwel izda dana kollu ghalxejn, sabiex sahansitra anke ppruvat ccempel ommu u missieru fuq numru li kien taha l-intimat stess izda dan kien kollu ghalxejn. Fil-fatt darba irrispondiet mara li qaltilha illi l-ebda D C joqghod hemm.

Illi l-esponenti la taf fejn qieghed u lanqas jekk hux haj jew mejjet. Illi l-agir ta' l- intimat li telaq mid-dar matrimonjali u sahansitra mill-Pajjiz minghajr l-ebda raguni valida skond il-Ligi jikkostitwixxi abbandun ta' zwieg hekk skond l-artikolu 41 tal- Kapitolu 16 tal-Ligijet ta' Malta.

Illi in vista tal-premess, ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom, stante illi l-intimat telaq minn Malta biss seba' xhur wara iz-zwieg u mhux biss qatt ma rritorna izda lanqas biss kellu d-dicenza illi jikkomunika l-istess lil martu. Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw iI-kundizzjonijiet kollha rnehtiega ghal ksieb tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant l-esponenti qed titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra tali hall taz-zwieg.”

Rat illi b’digriet tat-22 ta’ April 2012 gie ordnat li jintaghzlu kuraturi deputati ghall-konvenut assenti.

Rat illi l-avviz f’gazzetta lokali gie ppubblikat fil-11 ta’ April 2013.

Rat illi l-kuraturi deputati gew notifikat bl-atti fis-7 ta' Mejju 2013.

Rat ir-rispota tal-kuraturi deputati tat-8 ta' Mejju 2013 li permezz taghha ddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti.

Semghat ix-xhieda tal-attrici fl-udjenza tad-29 ta' Mejju 2013

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Il-provvedimenti legali tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta applikabbli ghal kaz in dizamina huma s-segwenti:-

**Artikolu 66A (1)**

*Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jewb'sentenza*

**Artikolu 66B**

*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

**Artikolu 66D**

*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu, f'każ ta' talba għad-divorzju magħmula minn waħda mill-persuni miżżewġin, ma jkunx meħtieġ illi fit-talba għad-divorzju, il-persuna miżżewġa li tkun qiegħda tagħmel din it-talba tattribwixxi lill-parti l-oħra xi ħtija li wasslet biex issir dik it-talba.*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi mhux kontradetti imressqa mill-attrici jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewwgu fid-9 ta' Dicembru 2000.

Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal aktar minn erba' snin.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar hlas ta' manteniment.

**Decide**.

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------